MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 344/2011

**Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Jeffrey Cilia)**
**vs**
**Charles German**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles German ta' 36 sena, iben Carmelo u Angela nee' Pulo, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Frar 1974 u residenti gewwa Simcharlston, Triq Mikelang Zammit, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' numru 146974(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn l-24 ta' Novembru 2010 u it-22 ta' Dicembru 2010 gewwa Rahal Gdid u fi bnadi ohra gewwa dan il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa ghandu oggett misruq u cioe' senter tal-kacca tal-ghamla Browning bin-numru tas-serje 11945 li l-valur tieghu ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk

dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh jew imexxih.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u cioe senter tal-kacca tal-ghamla Browning bin-numru tas-serje 11945 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Frar 2011 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' April 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' April 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 52 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta'

Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il ewro(€116) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'pagamenti rateali u mensili ta' tmienja u hamsin ewro (€58) b'dan illi jekk l-imputat jonqos milli jeffetwa pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit f'gurnata prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin ewro centezmu (€11.65) dovuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------